

Saċerdoti li niftakar (10)

# DUN KARM VELLA GALEA

## minn Dun Ġorġ Vella

Dun Karm Vella Galea twieled iż-Żebbuġ fis-sena 1913 minn Andrea u Grazzja neè Galea. Tgħallem fl-Iskola Primarja tal-Parroċċa u wara li għadda din l-iskola, huwa mar il-Liċeo fil-Belt Victoria. Alla l-Imbierek sejjaħlu biex jimxi warajh u jsir saċerdot u Hu laqa' bil-ferħ din is-sejħa. Daħal fis-Seminarju fejn għadda l-kors tiegħu biex ikun Ministru ta' Kristu u l-Knisja tiegħu. Kienet is-sena 1939, sewwa sew fit-3 ta' Ġunju, ix-xahar iddedikat lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù , meta huwa ġie ordnat saċerdot mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Mikiel Gonzi, Isqof t'Għawdex. Ġie ordnat saċerdot fil-Katidral tal-Imdina, Malta. Iċċelebra l-Quddiesa Solenni tiegħu bħala radd il-ħajr lil Alla għas-sejħa u l-għajnuna kollha li rċieva minn Għawdex, fil-11 ta' Ġunju u f'din l-okkażjoni, il-Priedka saret mill-W.Rev. Dun Franġisk Mercieca, Kappillan taż-Żebbuġ.

Dun Karm beda l-Missjoni tiegħu ta' saċerdot fil-Parroċċa tiegħu taż-Żebbuġ. Hawn kien jagħmel ix-xogħol pastorali bl-ikbar ħeġġa u mpenn. Wara xi żmien Dun Karm ġie msejjaħ biex imur jaqdi l-ħidma tiegħu saċerdotali fil-parroċċa arċipretali tax-Xewkija, Għawdex fi żmien l-Arċipriet Dun Anton Grima - dan l-arċipriet qabel ma mar ix-Xewkija, għadda sentejn kappillan fil-parroċċa taż-Żebbuġ. Dun Karm mar f'din il-parroċċa b'rieda sħiħa li joffri l-ħidma tiegħu lill-Mulej. Kien Viċi-Parrokku u għalhekk kellu missjoni mportanti u min jaf kemm kellu okkażjonijiet li jżur il-morda u jgħinhom fil-ħtiġijiet tagħhom kemm materjali kif ukoll spiritwali. Kien iwaslilhom lil Ġesù Ewkaristija u jgħidilhom kelma ta' faraġ u konsolazzjoni. Il-ħidma ta' Dun Karm ma kinitx tieqaf fl-ebda mument jgħin u jagħmel dak kollu li jkun meħtieġ għall-parroċċa jgħin mill-aħjar li jista' lill-Arċipriet. Għad baqa' xi parruċċani mix-Xewkija, li jiftakruh jaħdem magħhom u għalihom. Kien iwettaq il-missjoni tiegħu saċerdotali bl-akbar imħabba lejn l-Imgħallem Divin u lejn il-Knisja.

Wara li għadda xi żmien f'din il-kariga fil-Parroċċa tax-Xewkija, Dun Karm beda jservi fl-Isptar tal-Gvern bħala kappillan. Hu dam għal diversi snin u min jaf kemm ġid għamel mal-morda li magħhom kien jgħaddi ħafna ħin biex jagħtihom kull għajnuna materjali u spiritwali. Dan l-apostolat mal-morda żgur li huwa għamlu bl-enerġija kollha tiegħu u fil-morda kien jara lil Ġesù stess ibati dik it-tbatija li kull marid jgħaddi minnha. Dun Karm dam f'din il-ħidma mportanti mal-morda sakemm għalaq iż-żmien tiegħu.

Dun Karm, alavolja għadda parti kbira tal-ħajja tiegħu saċerdotali xi ftit 'il bogħod mill-parroċċa taż-Żebbuġ, hu dejjem baqa' jgħożż ħafna u jħobb lil art twelidu, fejn trabba u kiber. Hu spiss kien jgħaddi xi ġranet fost il-poplu Żebbuġi u meta kien ikollu l-ħin liberu, kien jgħaddih id-dar mal-familja, ma' missieru, oħtu u anke ma' ħuħ. Spiss kien jiġi l-Knisja, jagħmel żjarat lil Ġesù Sagramentat u lill-Verġni Ommna Marija. Kellu mħabba kbira lejn Marija Ssma Immakulata, lejn il-Kwadru għażiż u mirakoluż tal-Immakulata, l-Ewwel Titular tal-Parroċċa. Min jaf kemm drabi kien jgħaddi ħin quddiem din ix-Xbieha qaddisa tal-Verġni Marija u jitlobha sabiex tagħtih l-għajnuna kollha meħtieġa ħalli jkun saċerdot skond il-Qalb Tagħha u l-Qalb ta' Binha Ġesù. Meta sar l-Altar tal-Irħam tal-Kappella tal-Immakulata Kunċizzjoni, Dun Karm offra soma ta' flus sabiex jgħin mill-aħjar li jista' f'din l-opra sabiħa li kienet qed issir ad unur ta' Marija Ssma Immakulata. L-imħabba tiegħu lejn Marija kienet tidher ukoll fil-ħidma tiegħu li kien joffri minn qalbu fil-Festa Titulari ad unur ta' Marija Assunta. Kien jagħmel minn kollox sabiex jara li l-festa titmexxa u tkun tassew tixraq lill-Verġni Assunta. Ħafna drabi kien jgħaddi ħin quddiem ix-xbieha tal-Assunta u fis-sbuħija tagħha kien jilmaħ is-sbuħija ta' Marija fil-glorja tal-Ġenna. Żgur li mingħand Marija Ssma. Kien jirċievi ħafna grazzji u għajnuna kbira fil-ħidma saċerdotali tiegħu.

Dun Karm kellu mħabba lejn il-Knisja u fejn jista' dejjem kien joffri l-għajnuna tiegħu. Fis-sena 1961, hu tħajjar jirranġa z-zuntier ta' quddiem il-Knisja. Dan kien għadu biċ-ċangatura kif kien fl-Antik. Għalhekk hu ħa l-inkarigu biex ineħħi ċ-ċangatura u flokha jsir il-madum kif għadu sal-lum. Naraw għalhekk kemm tassew kellu qalbu marbuta mal-Knisja u kemm kien jieħu pjaċir meta jsiru xi opri li jżejnuha.

Dun Karm kien ukoll ifaħħar lil Alla bil-kant. Meta kien ikun jista' Hu ġie li kanta mal-mużika tal-parroċċa li kienet taħt it-tmexxija għaqlija tas-Surmast Toni Mallia, l-organista tar-raħal. Kien jieħu pjaċir ikanta mhux biss mal-mużika, iżda wkoll fil-funzjonijiet liturġiċi, li f'dak iż-żmien il-kant kollu kien ikun bil-Latin. Kien joffri dejjem il-parti tiegħu sabiex tingħata qima xierqa lil Alla. Xi kultant fil-Quddiesa tiegħu kien jagħmel xi priedka jew dwar il-Madonna, Ġesù jew xi qaddisin. Permezz tagħhom kien jgħallem lill-poplu u juri kemm għandu jkollna mħabba lejn Ġesù, lejn il-Madonna u lejn il-Qaddisin. Niftakar li għamel xi żmien

meta kien ixerred id-devozzjoni lejn il-Labtu tal-Karmnu. Kien iħeġġeġ lill-poplu sabiex ikabbar fih din id-devozzjoni. Kien ibierek il-Labtu u wara jlibbsu lil dawk kollha li jitħajjru jinkitbu fih.

Jekk Dun Karm kellu mħabba lejn il-Verġni Marija u kien jagħmel minn kollox biex ikabbar fih id-devozzjoni lejHa, xejn inqas kienet l-imħabba lejn l-Ewkaristija Iben Marija, Ġesù li baqa' magħna fl-Ewkaristija biex imantnina u jgħajjixna matul ħajjitna kollha. Żgur li Hu kien jgħaddi ħafna ħin ma' Ġesù jimmedita u jikkontempla fuq il-ħajja tiegħu fuq ir-rigal kbir li Ġesù ħallielna, meta Hu ried jibqa' magħna fit-Tabernaklu Mqaddes. Dun Karm mhux biss kien jiċċelebra l-Quddiesa bl-ikbar ġabra u devozzjoni, iż da spiss kien jgħaddi ħafna ħin ma' Ġesù jadurah, iroddlu ħajr għal kull ma kien jagħmel miegħu u jkollu l-għajnuna ħalli jista' jaqdi dmiru ta' veru saċerdot. Dun Karm tant kien iħobb lil Ġesù Ewkaristija, li ħalla żewġ purtieri sbieħ għat-tabernaklu, waħda bil-pittura u oħra bir-Rakkmu tad-deheb, sabiex dawn jintużaw fil-festi li jsiru ad unur ta' Ġesù Ewkaristija, fil-Festa tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu (Corpus) kif ukoll fil-ġranet tal-Kwindiċina u fil-Milied. Dawn offrihom bħala rigal lil Ġesù sabiex jirringrazzjah għal kull ma għamel miegħu matul ħajtu kollha. Dawn iż-żewġ purtieri għadhom jintuż aw sal-lum. Naraw l-imħabba li kellu dan is-saċerdot lejn Ġesù li għażlu biex ikun ministru tiegħu. Iż-żmien jgħaddi u ħadd ma jista' jżommu. Wara li Hu għadda ż-żmien tiegħu bħala Kappillan tal-Isptar, Hu nġabar id-dar tiegħu mal-familja u kompla jagħti l-ħidma tiegħu saċerdotali fil-parroċċa taż-Żebbuġ sakemm kien għadu jiflaħ. Kull jum kien jiċċelebra l-Quddiesa u anke kien ikun dispost għas-Sagrament tal-Qrar għal kull min ikun jeħtieġ dan is-sagrament.


*Dun Karm Vella Galea 1913 - 1979*
*Arkivju Parrokkjali*

Fl-aħħar snin tal-ħajja tiegħu, madwar tul tliet snin, Ġesù mar jagħtih salib li hu wkoll refgħu b'rassenjazzjoni l-iktar kbira. Laqtitu marda kiefra li wasslitu għat-tmiem tal-ħajja tiegħu. jiena matul Iż-żmien tal-marda tiegħu kont immur ta' kull fil-għodu inwassallu lil Ġesù Ewkaristija li Hu b'tant ħerqa kien ikun jistenna sabiex mingħandu jirċievi l-qawwa, il-kuraġġ u l-għajnuna meħtieġa u jkun kapaċi jġorr is-Salib li Ġesù għoġbu jagħtih. Kien japprezza wisq dawn iż-żjarat ta' Ġesù u kien ikun jidher wisq kuntent u ferħan kull darba li jirċievi lil Ġesù Ewkaristija. Ftit żmien qabel ma ħalla din il-ħajja, l-Arċipriet Dun Alwiġ Vella mar jiċċelebra għandu l-Quddiesa u Hu mill-aħjar li seta' iċċelebra miegħu dan is-Sagrifiċċju Qaddis. Kienet l-aħħar quddiesa tiegħu fuq is-sodda tal-mard.

It-tmiem jasal għal kull bniedem, għaliex il-belt tagħna ma hix hawn fid-dinja Iżda fil-glorja tal-Ġenna. Aħna lkoll maħluqin biex immorru ngawdu għal dejjem fis-sema. Dak li jkun refa' s-Salib tal-mard għal ħafna żmien, marbut mar-rieda qaddisa tal-Mulej, ikun qed jara riesaq lejn it-tmiem is-sagrifiċċju ta' ħajtu. Wasal il-jum tas-17 ta' Ottubru 1979, jum tax-xahar iddedikat lill-Madonna tar-Rużarju, meta Dun Karm donnu qalbu ħebritu li kien ser ikun l-aħħar jum ta' ħajtu. Donnu kien qed jisma' lil Ġesù jsejjaħlu. Fil-għodu, jien bħas-soltu ħadtlu lil Ġesù Ewkaristija u Hu irċevih bl-ikbar devozzjoni tas-soltu. Wara, x'ħin ġejna biex ninfirdu minn xulxin qalli dawn il-preċiżi kelmiet: "Grazzi Ġorġ għal dak kollu li għamilt miegħi". Jien għidltu: "Agħmel kuraġġ, kompli afda f'Ġesù u f'Ommu Marija". Dawn kienu l-aħħar kliem tagħna lil xulxin.

Fil-għaxija l-marda daħlet wisq 'il ġewwa u ħaditu għand il-Mulej li tant ħabb f'ħajtu. Dun Karm temm il-ħajja tiegħu saċerdotali mgħannaq ma' Ġesù li lilu ddedika l-ħajja kollha kemm hi u li kien tant ħabb anke meta kien tant batut bis-salib li Hu ġarr fuq spallejh b'rassenjazzjoni l-aktar kbira.

L-għada 18 t'Ottubru sar il-funeral tiegħu għall-Knisja Santwarju ta' Marija Assunta. L-Arċipriet flimkien mal-Kleru mexxa Konċelebrazzjoni u l-Kan. Dun Karm Cini għamel l-omelija tal-okkażjoni. Il-Poplu ħa sehem fil-funeral tiegħu bħala turija ta' mħabba u rispett lejn is-saċerdot, ministru ta' Kristu u tal-Knisja. Wara ġie ttrasportat lejn iċ-Ċimiterju tal-Parroċċa fejn ġie midfun fil-qabar tiegħu u tal-familja. Dun Karm li ħabb lill-Knisja ħalla l-pjaneti li bihom kien jiċċelebra l-Qaddiesa lill-Knisja Parrokkjali.

Ma ninsewx lil dan is-saċerdot u fil-waqt li nitolbu għalih għax aħna hekk obbligati, nitolbuh għall-bżonnijiet tal-parroċċa tagħna sabiex jinbtu dejjem vokazzjonijiet ġodda li jkomplu jaħdmu fil-ħidma li l-Knisja dejjem għandha għall-ġid tal-poplu t'Alla

## L-Iskop Spiritwali tal-Festa

Il-festi huma karatteristika ta' pajjiżna. Għandhom ħafna aspetti u skopijiet tajbin, fosthom: skop soċjali, artistiku, kummerċjali u kulturali. Iżda biex il-festa tibqa' awtentikament nisranija, ma għandux jiġri li l-iskopijiet sekondarji msemmija hawn fuq ixejnu jew jgħaddu 'l-Iskop Ewlieni tal-Festa, li hu l-Iskop Spiritwali, jiġifieri, il-qdusija u l-qawmien spiritwali tal-Poplu ta' Alla.

(Dokument Pastorali Is-Sens Nisrani tal-Festi, n.2 - It-Tieni Sinodu ta' Għawdex, n.12/832)